KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 –
MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 29

Id-disa' u għoxrin laqgħa (tkompliet bl-agenda tas-seduta 27) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-**Ħamis 24 ta' Frar, 2011** fis-5.43 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera Martin Debono u Nikki Dimech

Is-Sindku giet skuzata minhabba urgenza tal-professjoni taghha fis-5.45 ta' filghaxija

Il-Vici Sindku ppresieda.

Il-Vici Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-agenda billi jigi diskuss issa *item* numru 3.

**29.3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Giet ipprezentata korrispondenza bin-numru 5698 mingħand bejjiegh tal-imnut għal-bejgħ ta' ikel. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jingħatax dan il-permess jekk ma jkunx għal xi festa kif ukoll li l-Kunsill ma jaqbilx li għandhom jarmaw bejjiegha tal-imnut fuq il-bankina.

29.3.2. Tressqet ghad-diskussjoni korrispondenza bin-numru 843. Il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f' konferenza għal ġemellaġġi li ghaliha jistgħu jjattendu rappreżentanti barranin mill-pajjiż ġġemellati fejn l-Gvern se jagħti Euro100.00 għal kull persuna li tiġi, sa massimu ta' 5 persuni.

29.3.3. Tressqet ghad-diskussjoni korrispondenza bin-numru 1907. Il-Kunsill unanimament ma laqghax talba għal fiera bir-raddiena f'Ghar id-Dud għal żmien indefinit maghmula mis-Sinjuri Nejib u Rosemarie Zaouali.

29.3.4. Tressqet ghad-diskussjoni korrispondenza bin-numru 2574. Il-Kunsill unanimament qabel ma' proposta li rcieva mingħand il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali biex jitpoġġa l-*monitoring equipment* ta' Triq Bisazza u tal-ġnien il-ġdid ta' Qui-Si-Sana fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-Ministeru u li mhumiex se jitqabbdu impjegati tal-Kunsill li jimmonitorjaw dan l-equipment waqt il-gurnata tax-xoghol. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkollu access ghal filmati migbuda b'din is-sistema.

29.3.5. Il-Kunsill iddiskuta l-hlas li ghandu jircievi mill-kumpanija Active Enterprises li jammonta ghal Eur4542.27 ghal riklami fuq *street furniture* f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat invoice lill-kumpanija Active Enterprises.

29.3.6. Saret diskussjoni dwar l-introduzzjoni ta' *bicycle lane*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jikteb lit-Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' *bicycle lane* taħt il-bankina fi Triq it-Torri u Triq ix-Xatt.

29.3.7. Tressqet ghad-diskussjoni korrispondenza bin-numru 2364 mibghuta mill-Perit Edgar Rossignaud ghan-nom tas-Sliema Hotel, ghal permess biex il-lukanda tkabbar il-bankina u tqiegħed imwejjed u siġġijiet quddiem l-istess lukanda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ma jingħatax il-permess għalissa sakemm il-Kunsill ikollu aktar taghrif dwar il-proġett tax-Xatt.

29.3.8. Il-Kunsill iddiskuta talba għal permess ta' Smoothie Stand mingħand il-Lukanda Intercontinental għal waqt il-maratona li se ssir nhar il-Ħadd 27 ta' Frar, 2011, ix-Xatt Tas-Sliema. Il-Viċi Sindku ppropona li l-gabbana tinghata l-permess fuq il-bankina skont il-pjanta mibghuta u li ghandu jitħallas il-permess. Il-Kunsiller Y Cali issekonda. Il-Kunsill ivvota unanimament favur din il-proposta.

29.3.9. Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mingħand is-Sur Graham Bencini f'isem ir-Round Table Malta, li talab permess ghal *stand* biex ibiegħ drinks u ikel waqt il-maratona li se ssir nhar il-Ħadd 27 ta' Frar, 2011, ix-Xatt Tas-Sliema. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni izda talab li jithallas il-permess necessarju.

29.3.10. Tressqet ghad-diskussjoni korrispondenza bin-numru 2992, 2077, u 2913 dwar applikazzjonijiet għal progetti iffinanzjati taht programmi ta' fondi tal-UE fosthom Interreg IVC, Life+, Eden u korrispondenza ohra ghal *partner searches* ghal progetti tal-UE. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jippartecipa f'diversi progetti li se jkun hemm sejha ghalihom fix-xhur li gejjin.

*29.3.10.1* Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret applikazzjoni għal progett taht il-Programm *Europe for Citizens*, liema applikazzjoni giet sottomessa fl-1 ta' Frar, 2011.

29.3.11. Tressqet il-korrispondenza bin-numru 3172 mill-kumpanija Vee Gee Bee dwar reklamar tul ix-Xatt u li bhala kumpens ghal tali reklamar se taghti żebgħa lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintalab aktar informazzjoni inkluz fejn se jitwahhlu r-riklami u x'tip ta' riklami se jitwahhlu.

29.3.12. Tressqet il-korrispondenza bin-numru 3162 mil-Lukanda Plevna ghal *loading/unloading bay* ghas-servizzi relatati mal-operazzjonijiet tal-lukanda. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbaghat korrispondenza lit-Transport Malta għal *loading/unloading bay* ghal din il-lukanda u li ghandu jkun specifikat il-hin tal-uzu taghha mis-7 sas-7.30 ta' filgħodu u mit-8 sat-8.30 ta' filgħaxija.

***Il-Kunsillier Patrick Pace dahal ghas-seduta fis-6.39 ta' filgħaxija.***

29.3.13 Tressqet il-korrispondenza bin-numru 1671 mit-Transport Malta (TM) b'risposta għat-talba tal-Kunsill biex issir *zebra crossing* ġdida x-Xatt. It-Transport Malta rrifjutat it-talba tal-Kunsill minħabba li qalet li digà hemm *zebra crossing* oħra fil-viċinanzi. Il-Kunsill aċċetta r-risposta tat-TM.

29.3.14 Tressqet il-korrispondenza bin-numru 1295 mit-TM b'risposta għat-talba tal-Kunsill għal-*humped zebra crossings* fi Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jsir dan ix-xogħol kif ukoll li jintalab permess ghal *zebra crossing* simili fi Triq Rodolfu ħdejn Villa Schinas.

29.3.15 Tressqet il-korrispondenza bin-numru 840 b'talba għal *loading/unloading bay* mis-sidien ta' fom fi Triq San Trofimu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

**Is-Sindku daħlet lura ghas-seduta fis-6.52 ta' filghaxija.**

**Is-Sindku ppresjediet is-Seduta.**

29.3.16 Tressqet korrispondenza bin-numru 2223 mit-TM. Il-Kunsill iddiskuta r-risposta li ghandha tintbaghat lit-TM ghat-talba mis-*Sliema Residents Association* għal *Holistic Traffic Management Plan* f'Tas-Sliema. Is-Sindku pproponiet li kif diga spjegat lis-Sliema Residents Association, il-Kunsill se japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea biex ikun jista' jwettaq studju dwar il-kontaminazzjoni tal-arja. Is-Sindku spjegat li permezz ta' dan l-istudju tkun tista' tingabar data li ghanda twassal ghall-*management plan.*

29.3.17 Tressqet korrispondenza bin-numru 2656 mit-TM dwar *parking bays* fi Triq Karm Galea. Is-Sindku pproponiet li din il-korrsipondenza ghanda tigi kkontestata minhabba li l-*parking bays* f'Tas-Sliema jsiru skont il-procedura applikabbli kif ukoll r-restrizzjonijiet ta' parkegg li hemm fil-lokalita. Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda.

29.3.18 Tressqet korrispondenza bin-numru 1248 minn resident ta' Falcon House fi Triq il-Kbira. Permezz ta' din il-korrispondenza l-Kunsill qiegħed jintalab japplika għal żewg *junction boxes,* waħda quddiem il-parkeġġ preżenti quddiem Triq Amery u oħra fl-entratura tal-istess Falcon House. Is-Sindku pproponiet li ghandha tintbaghat kossirpondenza f'dan ir-rigward lit-TM. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

29.3.19 Tressqet il-korrispondenza bin-numru 2802 mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghal partecipazzjoni tal-Kunsill waqt programm fuq TVM u Education 22 bi ħlas ta' Eur951 għal kull programm. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jipparteċipax f'dan il-programm.

29.3.20 Tressqet korrispondenza bin-numru 2282 dwar planters fi Pjazza Lunzjata. Kien hemm diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament li dawn jigu mnaddfa regolarment u jinxtraw bins.

29.3.21 Tressqet korrispondenza bin-numru 2263 minghand l-AKL. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jsir il-ħlas lill-Performing Right Society.

29.3.22 Tressqet korrispondenza bin-numru 3019 mill-kumpanija Yellow Pages. Il-Kunsill unanimament ivvota kontra hlas addizjonali.

29.3.23 Tressaq talba ghall-hlas bin-numru PJV0032/2011 li bi zvista ma kienx diskuss fil-laqgha precedenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament għandu jsir.

29.3.24 Ġiet imressqa ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill Memo 9/2011. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jippartecipa f'din l-iskema.

*29.3.24.1* Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li rcieva l-bqija tad-differenza tal-ħlas dovuta lilu ghall-partecipazzjoni fl-iskema Lokalijiet Indaf.

29.3.25 Is-Sindku ressqet ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill stharrig li sar fi Triq San Vincenz dwar it-tnehhija ta' *speed ramp* li hemm fin-naha t'isfel tat-triq. Is-Sindku spjegat li dan is-suggett kien tressaq ghad-diskussjoni f'laqgha precedenti. Wara li l-Kunsill ikkunsidra r-risposti mibghuta mir-residenti, is-Sindku pproponiet li l-*ispeed ramp* titneħħa. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri u E. Cuschieri ivvutaw favur. Il-Kunsillier Y Cali ivvota kontra. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera P. Pace, N. Gauci, M. Aquilina astjenew.

29.3.26 Tressqet korrispondenza bin-numru 2168 mill-AKL ghad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jippartecipa f'din l-attivita. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsilliera għandhom jibgħatu l-ideat tagħhom u li dawn jiġu diskussi f'laqgħa sussegwenti

29.3.27 Tressqet korrispondenza mis-sezzjoni zghazagh tal-banda San Girgor ghal car wash. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din l-attivita ghandha ssir bil-kundizzjoni li s-sessjoni zghazagh tipprovdi l-ilma tagħha u li ilma bis-sapun ma jintremix fit-triq.

29.3.28 Giet ipprezentata korrispondenza mingħand Dott. Gruppetta ghal attezjoni tal-Kunsill.

29.3.29 Tressqet il-korrispondenza bin-numru 2588 mill-kumpanija Pure Concepts. Il-Kunsill ivvota unanimament kontra din il-proposta.

***Il-Kunsilliera Y. Cali, N. Gauci u P. Pace hargu mis-Seduta fit-7.42 ta' filghaxija***

29.3.30 Tressqet korrispondenza bin-numru 62 f'isem The Point ghal reklamar fuq *barriers*. Il-Kunsill ivvota unanimament kontra din il-proposta.

***Il-Kunsilliera P. Pace u N. Gauci reggħu daħlu lura ghas-seduta fit-7.50 ta' filghaxija***

29.3.31 Tressqet korrispondenza bin-numru 15 f'isem Tigne Point, ghal permess biex jinbidel is-sinjal li jindika parkegg f'Tigne Point. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Contracts Manager għandu jivverifika jekk is-sinjal għadux hemm u jekk fl-affemativ isir sinjal b'qies normali bl-ittra **P** biss li tindika l-parkegg u li fuqu ma jsir l-ebda reklamar iehor.

29.3.32 Tressqet korrispondenza mingħand is-Sinjura Hannah Cremona ghal permess biex jitwaħħal banner ix-Xatt fl-okkazjoni ta' *World Kidney Day*. Il-Kunsill ivvota unanimament favur din il-proposta.

29.3.33 Tressqet korrispondenza bin-numru 3235 dwar il-kunċert mill-Malta Philarmonic Orchestra. Il-Kunsill gie infurmat dwar il-htiega ta' rehersal fis-sala fejn se jsir il-kuncert, liema hlas ghall-uzu tas-sala ghandu jkun ta' Eur55. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

*29.3.33.1* Saret diskussjoni dwar logistika fl-organizzazzjoni tal-kuncert. Ġie deċiż ukoll illi tiġi organizzata *coach* u li ghal dan is-servizz ikun hemm ħlas nominali ta' Eur2.

*29.3.33.2* Saret diskussjoni dwar il-promozzjoni għal dan il-kuncert. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbagħat ittra kif ukoll poster dwar l-attivita lill-baned kollha, lill-ghaqdiet mhux governattivi u l-parrocci f'Tas-Sliema, kif ukoll li l-poster jitwahhal fin-*noticeboards* u jkun accessibli fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

~~***Il-Kunsilliera P. Pace u N. Gauci reggħu daħlu lura ghas-seduta fis-7.07 ta' filghaxija***~~

**29.6. Kwotazzjonijiet**

29.6.1 Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill stimi mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill skont il-BOQ fuq xogħlijiet ta' partijiet ta' bankini (Dok A – Dok E annessi).

*29.6.1.1* Is-Sindku pproponiet li għandhom isiru xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq Rudolfu quddiem l-għassa, fi Triq Depiro, fi Triq ______ u fi Triq ______. Il-Kunsill qabel unanimament favur din il-proposta.

*29.6.1.2* Saret diskussjoni dwar il-possibilta li jitwaħħlu *bollards.*

*29.6.1.3* Il-Viċi Sindku pppropona li fejn isiru bankini ġodda jitwaħħlu *bollards* biex ikun evitat li t-trakkijiet jitilgħu fuq il-bankini. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament favur din il-proposta.

*29.6.1.4* Il-Viċi Sindku pppropona li minn issa 'l quddiem kull talba għal *bollard* għandha tintbagħat bil-miktub lill-Kunsill u li l-Kunsill għandu jiddiskuti kull każ fuq bazi individwali. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur din il-proposta.

*29.6.1.5* F'dan l-istadju saret diskussjoni dwar il-*bollards* li tneħħew fi Triq Santa Rita. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara li l-Pulizija ħarrku residenti minn Triq Santa Rita dwar *bollards* imwaħħlin mingħajr il-permessi necessarji, il-Qorti tablet lill-Kunsill itejjeb l-accessibilita tar-residenti li jidħlu jew joħorġu minn djarhom minħabba li xi vetturi jipparkjaw fuq il-bankina kif ukoll minħabba nuqqas ta' accessibilita f'din it-triq għal certu vetturi fosthom ambulanzi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jitlob il-parir tal-perit tal-Kunsill.

29.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards qed tagħmel stħarriġ dwar il-*playing fields.* Is-Sindku qalet li l-*playing field* li hemm fit-tarf ta' Ġnien Indipendenza mhuwiex *up to standard* u li għand jsir proġett biex il-*playing field* jingħata xejra moderna u sigura. Is-Sindku pproponiet li għandha ssir talba għal informazzjoni. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

29.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li wara diskussjoni li kienet saret dwar ix-xiri ta' CCTV cameras, saret sejħa għal informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

29.6.4. F'dan l-istadju s-Sindku pproponiet li dwar il-proġett tal-immaniġġjar tal-art bi swit Gnien Indipendenza għandhom isiru laqgħat ulterjuri mad-Dipartiment tal-Artijiet, il-KNPD, u l-MTA u li

fost ohrajn ghandu jkun hemm immaniġġjar ta' parkeġġ aħjar inkluż b'sinjali biex ikun hemm parkeġġ bil-ħin. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

*29.6.4.1* Is-Sindku pproponit li waqt l-istess laqgha jkun diskuss ukoll il-hrug ta' mwejjed u siggijiet fuq il-bankini mir-ristoranti u kafeteriji minhabba li dawn jistghu jkunu ta' ingombru. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

*29.6.4.2* F'dan l-istadju l-Kunsilliera S. Camilleri semmiet applikazzjoni li dwarha l-Kunsill gie innotifikat mill-MEPA ghar-ristrutturar ta' kiosk ta' Tanti u qalet li l-Kunsill ghandu joġġezzjona li jiżdid in-numru tal-imwejjed. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu dwar dan.

*29.6.4.3* Is-Sindku pproponit li ghandha tissejjah laqgħa ma' ufficjali mill-MEPA, Pulizija, wardens u ufficjali mit-TM ghal infurzar tal-ligi ahjar. Il-Kunsill qabel li ghandha tissejjah il-laqgha mill-iktar fiss.

29.6.5 Is-Sindku pproponit li jinxtraw iktar doggy bins. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

29.6.6 Is-Sindku ippproponit li ghandhom jinxtraw sinjali li jitwahhlu fuq il-bankina tul il-xatt li javzaw lic-ciklisti biex isuqu b'responsabilta. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

29.6.7 F'dan l-istadju l-Kunsilliera M. Aquilina talbet li l-agenda tigi sospiza biex ikun diskuss id-dokument li pprezentat fis-26 ta' Jannar 2011.

29.6.7.1 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv cahdu kategorikament li ghamlu xi rapporti kif allegat f'punt numru 2.

29.6.7.2. Dwar punt numru 3 is-Segretarju Ezekuttiv regghet semmiet ic-cirkostanzi tal-kaz u li kull azzjoni mehuda inkluz ftuh ta' kaz il-Qorti saret mill-Pulizija.

29.6.7.3 Dwar punt numru 4 is-Sindku qalet illi l-prezenza tal-Vici Sindku kienet limitata sabiex ikun accertat li ma jsir l-ebda thassir ta' xi parti mit-tali recording u dan wara li s-Segretarju kienet mistoqsija jekk kienx hemm impjegati tal-Kunsill li setghu jisimghu r-recording flimkien maghha. Minhabba li f'dak il-hin kien prezenti biss il-Vici Sindku, is-Sindku tatu struzzjonijiet biex jisma' tali recording.

29.6.7.4. Dwar punt numru 5 il-Viċi Sindku qal li ma kien hemm l-ebda *password* fuq il-computer.

***Il-Kunsillier M. Aquilina giet skuzata fit-8.17 ta' filghaxija.***

Regghet tkompliet diskussjoni dwar *item* 6 tal-agenda.

29.6.8 Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill stimi minghand il-Kuntrattur tal-Kunsill skont il-BOQ ghal patching fi Triq San Piju, Triq Norfolk u Triq in-Nazzarenu (Dok F – Dok H annessi).

29.6.7 Is-Sindku ressqet kwotazzjoni għal 3 *flood lights* ghal Ġnien Indipendenza (Dok I anness) għal ammont ta' Eur384.76. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

29.6.8 Is-Sindku ressqet ghal attenzjoni tal-Kunsill stima ghal xoghol ta' tiswija fuq il-vann tal-Kunsill (Dok J anness). Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**29.7. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal *Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens***

29.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għandha tinħareġ sejha ghall-offerti għal *Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens.* Gie deċiż li għandhom ikunu nvoluti kemm il-perit u kemm l-avukat tal-Kunsill.

**29.8. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal *Traffic Signs and Markings***

29.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għandha tinħareġ sejha ghall-offerti għal *Road Signs and Markings.* Gie deċiż li għandhom ikunu nvoluti kemm il-perit u kemm l-avukat tal-Kunsill.

**29.4. Performance Appraisal Report tal-impjegati tal-Kunsill**

29.4.1 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni il-Performance Appraisal Reports tal-ħaddiema kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mar-rakkomandazzjoni tar-rapporti illi s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati kollha tal-Kunsill għandhom jinghataw il-massimu tal-*performance bonus* applikabbli ta' 10% ghas-Segretarju Ezekuttiv u 6% ghall-impjegati.

**29.2. Attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill Tas-Sliema**

29.2.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li wasslet korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvem Lokali dwar l-attendenza ta' ċertu kunsilliera.

29.2.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Nikki Dimech ipprovda ċertifikat mediku li jiġġustifika l-assenza tiegħu.

29.2.3 Is-Sindku qalet li minhabba li mhux il-Kunsilliera kollha kienu prezenti ghad-diskussjoni, dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu dwar dan.

**29.5 Mozzjonijiet**

29.5.1 Il-Kunsillier S. Camilleri pprezentat il-mozzjonijiet sussegwenti:

*29.5.1.1 Mozzjoni 9: Bye-Law dwar klieb fil-ġonna*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qegħda nipproponi li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jressaq għad-diskussjoni Bye-Law kif permess mil-Liġi biex ma jitħallewx jidħlu klieb fil-ġonna, ċioe Ġnien Indipendenza u Ġnien Qui-Si-Sana, u biex il-klieb tul il-Promenade u fuq il-blat tul ix-xatt Tas-Sliema jkunu fuq iċ-ċinga."

Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.1.2 Mozzjoni 10: Bye-Law dwar klieb fil-banjijiet tal-ilma*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qegħda nipproponi li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jressaq għad-diskussjoni Bye-Law kif permess mil-Liġi biex ma jitħallewx jidħlu klieb fil-banjijiet tal-ilma (pools) bejn it-Torri u Qui-Si-Sana."

Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.1.3 Mozzjoni 11: Xbieki bħala protezzjoni mill-bram mal-banjijiet tal-ilma*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qegħda nipproponi li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jiddiskuti l-instalazzjoni ta' xbieki bħala protezjoni mill-bram mal-banjijiet tal-ilma (pools) bejn it-Torri u Qui-Si-Sana."

Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.1.4 Mozzjoni 12: Sigurta għall-għawwiema flimkien mal-MTA*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qegħda nipproponi li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jiddiskuti s-sigurta ta' l-għawwiema tul il-kosta flimkien mal-MTA billi jkunu proposti stands bħal ma hemm f'bajjiet oħra f Malta, liema stands huma l-inizzjattiva ta' ta' l-istess MTA u li jkollhom ħaddiema mqabbda mill-istess Awtorita biex jiggwidaw l-għawwiema."

Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.1.5 Mozzjoni 13: Bye-Law ilbies tul il-Promenade*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qegħda nipproponi li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jressaq għad-diskussjoni Bye-Law kif permess mil-Liġi biex ma jitħallewx nies għaddejjin tul il-Promenade lebsin mhux b'mod xieraq, u cioe mhux lebsin malji u bikini tul il-Promenade, u kif ukoll no changing of swimming gear tul il-Promenade."

Fid-diskussjoni dwar din il-mozzjoni l-Kunsill ikkunsidra li l-ligi hija cara dwar dan u qabel li ghandu jkun hemm iktar infurzar tal-ligi mill-awtoritajiet. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir bye-law kif propost b'din il-mozzjoni.

29.5.2 Il-Vici Sindku pprezenta l-mozzjonijiet sussegwenti:

*29.5.2.1 Mozzjoni 4: Bye-Law dwar BBQs fi Qui-Si-Sana*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema jressaq Bye-Law skont Art. 34 u skont 11-proċeduri ta'Art. 35 ta' Kap. 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, biex BBQs matul ix-xatt ta' Qui-Si-Sana jiġu projbiti u dan għaliex id-distanza bejn ix-xatt u l-appartamenti li jinsabu fi Triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana hija żgħira ħafna u għaldaqstant dawn qegħdin ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti ta' din it-triq u ta' ħsara għal proprjeta tagħhom."

Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.2.2 Mozzjoni 5: Bye-Law dwar reklamar f'Tas-Sliema*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema jressaq bye-law skont Art. 34 u skont il-proċeduri ta' Art. 35 ta' Kap. 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, sabiex reklamar permezz ta' banners, posters jew materjal ieħor li jitweħħel ma proprjeta pubblika f'Tas-Sliema jiġi limitat għal reklamar għal attivitajiet ta' karita, attivitajiet governattivi jew oħrajn organizzati mill-Kunsill Lokali. Intant, reklamar ieħor irid jiġi awtorizzat mill-Kunsill Lokali wara li jingħata l-ħlas dovut, hekk kif jiġi maqbul mill-Kunsill. Il-piena għal min jikser il-bye-law għandha tkun dik skont Artiklu 36(1) ta' Kap. 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali."

Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.2.3 Mozzjoni 6: Bye-Law dwar ġbir ta' ħlas*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema jressaq Bye-Law skont Arr. 34 u skont il-proċeduri ta' Art. 35 ta' Kap. 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, biex ikun jista' jibda jilqa' ħlas (sponsorship) għal attivitajiet mtellgħin mill-Kunsill Lokali."

Is-Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

*29.5.2.4 Mozzjoni 7: Bye-Law dwar Residentital Parking Scheme wara Referendum Abbrogattiv*

"Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema jressaq Bye-Law skont Art. 34 u skont il-proċeduri ta'Art. 35 ta' Kap. 363, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, biex f'Tas-Sliema tibda topera l-iskema ta' parkeġġ residenzjali għar-residenti tal-lokalita, wara li jkun għadda Referendum Abbrogattiv skont Art. 364, Kap. 363 u skont il-proċeduri ta' Taqsima V ta' l-Att dwar ir-Referendi."

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

29.5.3 Il-Kunsillier S. Camilleri pproponiet attivita f'Lulju ta' din is-sena mqassma fuq erbat ijiem u li ghalija diga ghamlet xi kuntatti. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Camilleri taghmel il-preparazzjonijiet preliminari tal-attivita sabiex jigu approvati aktar tard mill-Kunsill. Il-Kunsillier Camilleri qalet li se tipprezenta l-korrispondenza dwar din l-attivita lis-Segretarju Ezekuttiv.

29.5.4 Il-Vici Sindku informa lill-Kunsill li gie avvicinat mis-Sur Noel Muscat biex il-Kunsill jippartecipa f'Arts Day. Il-Vici Sindku qal li aktar dettalji dwar din l-attivita se jinghataw lill-Kunsill fil-futur qarib.

29.5.5 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li jsir proġett fejn l-ilma tax-xita li jinġabar fix-shelters jinġabar u ssir catchment area fi Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel b'mod unamimu li għandu jintalab il-parir tal-perit.

29.5.6 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li waħda mill-paġni fil-magażin Tas-Sliema tkun ta' ritratt antik ta' Tas-Sliema li jista jinqata u jinżamm mil-lettur. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintalab stima għal dan.

29.5.7 Il-Kunsillier J. Galea ressaq korrispondenza dwar talba biex issir laqgħa dwar *Weight Management* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar is-Sibt 26 ta' Marzu, 2011, bejn id-9 u l-11 ta' filgħodu. Kien innutat li l-Kunsill ma kienx se jidhol fi spejjez. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ghal din il-proposta.

29.5.8 Il-Kunsillier J. Galea ppropona li l-Kunsill jidhol responsabbli ghal parkegg ippjanat li se jsir Qui-Si-Sana permezz tal-fondi tas-CPPS. Il-Kunsillier Galea ippropona li dan il-progett isir skont il-pjanti ezistenti ghal dan il-progett. Il-Viċi Sindku ppropona li kopja tal-pjanti jintalbu wkoll mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Is-seduta ntemmet fid-9.21 ta' filgħaxija.**

**Is-seduta ġiet aġġornata għal Erbgħa 9 ta' Marzu, 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**

**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**

**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum L-Erbgħa 6 ......... ta' April 2011.

(jum) (data) (xahar)